

## **Dikjarazzjoni tal-Missjoni**

**Il-Kumitat tar-Reġjuni huwa l-assemblea tal-UE tar-rappreżentanti reġjonali u lokali.**

**Aħna assemblea politika msawra minn persuni eletti fil-livell reġjonali u lokali li naħdmu għall-integrazzjoni Ewropea. B'konformità mal-leġittimità politika tagħna, aħna nirrappreżentaw it-territorji, ir-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet kollha tal-Unjoni Ewropea fil-livell istituzzjonali.**

**Il-missjoni tagħna hija li ninvolvu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-proċess Ewropew tat-teħid tad-deċiżjonijiet u b'hekk inħeġġu parteċipazzjoni akbar min-naħa taċ-ċittadini.**

**L-azzjoni politika tagħna hija bbażata fuq il-konvinzjoni li l-kooperazzjoni bejn il-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u dak lokali hija essenzjali biex tinbena Unjoni dejjem aktar magħquda u solidali bejn il-popli tal-Ewropa u biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet tal-globalizzazzjoni. Għal dan il-għan, aħna nikkooperaw mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mal-awtoritajiet ta' livelli differenti fl-Istati Membri sabiex nippromovu, b'mod partikolari, il-gvernanza fuq diversi livelli.**

**Aħna nivvotaw fuq rakkomandazzjonijiet politiċi b'rabta mal-istrategġiji Ewropej u nieħdu sehem fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Sa mill-istadji bikrija tat-tfassil tal-atti leġiżlattivi, aħna nipproponu approċċi u tendenzi politiċi misluta mill-esperjenza u l-għarfien espert tal-awtoritajiet reġjonali u lokali li bosta drabi jkunu daww responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom.**

**Nixtiequ li, f'dinja globalizzata, l-Ewropa "magħquda fid-diversità tagħha" tkun tista' tibbenefika bis-sħiħ mid-diversità territorjali, kulturali u lingwistika, għaliex din hija s-saħħa u r-rikkezza tagħha u tiggarrantixxi d-diversità taċ-ċittadini tagħha. Aħna naħdmu għad-demokrazija u ċ-ċittadinanza fl-Ewropa kif ukoll għall-promozzjoni tal-valuri tagħhom u nikkontribwixxu għall-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali u għall-ħarsien tal-minoranzi.**

**Aħna noqogħdu attenti li jiġu rispettati l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, bil-għan li d-deċiżjonijiet Ewropej jittieħdu u jiġu applikati kemm**

**jista' jkun qrib iċ-ċittadini u fl-aktar livell adatt. Bl-azzjoni tagħna, niggarrantixxu li l-politiki komuni jiġu implimentati b'mod aktar effettiv u aktar qrib taċ-ċittadin.**

**Aħna naħdmu sabiex it-territorji kollha jkunu jistgħu jiżviluppaw b'mod armonjuż u sostenibbli. Għaldaqstant, fl-interess tal-prinċipji tal-ekwità u s-solidarjetà, aħna nħarsu l-objettivi tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni Ewropea.**

**Inħeġġu l-awtonomija tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u d-dritt tagħhom li jużaw ir-riżorsi finanzjarji adatti sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom. B'hekk, nippromovu l-prinċipji u l-mekkaniżmi ta' gvernanza tajba u ninkoraġġixxu l-proċess ta' deċentralizzazzjoni.**

**Aħna nappoġġjaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali tal-Istati Membri iżda wkoll – fil-kuntest tal-istrateġija tat-tkabbir, tal-politika tal-viceinat u tal-politika tal-iżvilupp – mal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-pajjiżi kandidati, fil-pajjiżi kandidati potenzjali, fil-pajjiżi ġirien u fil-pajjiżi terzi.**

**Noħolqu pjattaformi u netwerks, norganizzaw forums sabiex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-esperjenzi bejn ir-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet u niżviluppaw sħubijiet mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.**

**Aħna l-ambaxxaturi tal-Ewropa fir-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet u nitkellmu f'isimhom fid-dibattitu Ewropew. Niddjalogaw b'mod dirett maċ-ċittadini tagħna dwar dak li kisbet l-Ewropa u dwar l-isfidi tal-ġejjieni u nagħtu l-kontribut tagħna billi nispegaw u nfissru l-implimentazzjoni u l-impatt territorjali tal-politiki Komunitarji.**

**Ejjew nibnu l-Ewropa bi sħubija!**

**Brussell, il-21 ta' April 2009**

---